MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1976/1997/1

**Teresa Cachia**

**vs**

**Joseph Caruana**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTRICI**

1. L-attrici pprezentat citazzjoni fejn ippremettiet is-segwenti:

Peress illi l-attrici ghandha ghalqa f'Hal Far Road, Zurrieq li ghandha hajt komuni ma' proprjeta` tal-konvenut, liema hajt kien mibni bis-sejjiegh skond is-sengha u l-arti; u billi l-konvenut recentement, kontra r-rieda tal-attrici beda jwaqqa' dan il-hajt komuni, u minfloku beda jibni hajt tal-kantun li jkerrah l-ambjent u jiddeprezza l-propjeta` tal-attrici (Dok. A) u billi fit-twaqqih tal-hajt komuni l-konvenut qaccat id-dwieli tal-attrici li kienu jserrhu mal-hajt; u billi l-konvenut bena l-hajt gholi hdax-il filata, minghajr il-permessi mehtiega; u billi parti minn dan it-twaqqih sar wara li l-attrici kienet talbet u otteniet mandat tal-inibizzjoni kontra l-konvenut biex izommu milli jwaqqa' l-proprjeta` komuni.

Illi ghalhekk l-attrici talbet lill-Qorti sabiex il-konvenut:-

(i) Jigi kundannat minn din il-Qorti li fi zmien qasir u perentorju jiddemolixxi l-hajt tal-kantun li huwa bena, u li jerga jibni l-hajt tas-sejjiegh kif kien qabel taht id-direzzjoni ta' Perit li jigi ghal dan l-iskop nominat minn din il-Qorti, u

(ii) Ghaliex, fin-nuqqas m'ghandiex l-attrici tigi awtorizzata taghmel dawn ix-xogholijiet hi a spejjez tal-konvenut li ghandu jigi minn issa kundannat ihallas l-ispejjez.

Bl-ispejjez, komprizi dawk taz-zewg mandati tal-inibizzjoni Nru. 2301/97 u Nru. 4507/97 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT</u>**

2. Il-konvenut eccepixxa s-segwenti:-

(i) Illi preliminarjament l-attrici trid tipprova t-titolu taghha fuq il-hajt in kwistjoni.

(ii) Illi minghajr pregudizzju, meta l-esponent beda jwaqqa' parti mill-hajt in kwistjoni dan ghamlu wara li ottjena l-kunsens ta' zewg l-attrici.

(iii) Illi mhux minnu li huwa qaccat xi dwieli ta' l-attrici.

(iv) Illi l-hajt li bena l-esponent inbena skond il-ligi u wara li ottjena l-permessi kollha ta' l-awtoritajiet kompetenti.

(v) Illi wara l-hrug tal-mandati ta’ inibizzjonijiet 2301/97 u 4507/97 l-esponent ma messx aktar il-hajt tas-sejjiegh in kwistjoni izda kompla jibni l-hajt tieghu fuq il-proprjeta’ tieghu ‘il gewwa mill-hajt tas-sejjiegh.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, b’sentenza taghha tat-28 ta’ Frar 2002 fl-ismijiet premessi laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut li fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data tas-sentenza jaghmel kollox fl-istat pristinu tieghu qabel l-kommissjoni tal-istess spoll minnu b’dan ghalhekk li ghandu jerga’ jibni l-hajt tas-sejjiegh kif kien qabel u kif jinsab indikat skond il-pjanta esebita bhala Dok. “FGC1” a fol. 40 tal-process u dan wara li jidemolixxi l-hajt tal-kantun li huwa bena minfloku, liema hajt ukoll jinsab indikat fl-istess pjanta fuq indikata u dan kollu taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri A. & C.E. li gie nominat fl-istess sentenza sabiex jaghmel supervizjoni tal-istess xogholijiet a karigu tal-konvenut. Fin-nuqqas li dan isir mill-konvenut fit-terminu fuq perentorjament indikat, l-ewwel Qorti awtorizzat ukoll li l-istess xogholijiet ghall-purgazzjoni tal-istess spoll u eventwali reintegrazzjoni tal-hajt tas-sejjiegh kif kien qabel l-istess atti spoljattivi da parte tal-konvenut, u kif indikat fl-istess pjanta fuq indikata, jigu exegwiti mill-attrici taht is-supervizjoni u direzzjoni tal-istess Perit Tekniku Valerio Schembri A & C.E. u dan kollox a spejjez tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez kollha nkluzi tal-Perit Tekniku u dawk taz-zewg mandati Nru. 2301/97 u Nru. 4507/97 kontra l-konvenut.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell minn din is-sentenza fuq l-aggravji segwenti:

Illi l-ewwel Qorti mill-ewwel ghamlet apprezzament hazin tal-ligi meta telqet mill-premessa illi l-proceduri ta’ spoll u mbaghad kompliet biex tezamina jekk jissussistux l-elementi ta’ spoll.

Illi kif inhuma impostati l-premessi tac-citazzjoni u anke kif inhuma mpostati t-talbiet attrici bl-ebda mod ma wiehed jista' jinterpreta l-istess bhala kawza ta' spoll. L-artikolu li jiddefinixxi l-*actio spolii* jghid is-segwenti:
"535. (1) Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezza' mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terga' tigi mqieghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Fit-talbiet tac-citazzjoni la intalbet dikjarazzjoni li gie kommess spoll vjolenti u lanqas ma saret talba biex l-attrici tigi rintegrata fil-pussess u reali godiment ta' l-oggett li fuqu sar l-allegat spoll. It-talbiet tac-citazzjoni kif impostati huma bbazati mhux fuq id-drittijiet ta' l-attrici qua pussessur izda fuq id-drittijiet taghha qua ko-proprjetarja tal-hajt divizorju ta' bejn iz-zewg ghelieqi moghtija lilha bl-artikoli 489 et seq. tal-Kap. 16.

Illi pero`, bla pregudizzju ghas-suespost, anke jekk din il-Qorti jidhrilha illi dawn il-proceduri huma proceduri ta' spoll, xorta wahda l-elementi rikjesti biex tirnexxi azzjoni ta' spoll ma gewx ippruvati u dawn ghas-segwenti ragunijiet:-

(i) L-ewwel Qorti ghazlet illi ma tezaminax jekk dawn il-proceduri gewx istitwiti entro t-terminu ta' xahrejn minn meta gie kommess l-allegat spoll minhabba li skond hi dan il-fatt mhux kontestat. Hawnhekk issir referenza ghax-xhieda tal-konvenut moghtija bl-affidavit meta huwa xehed illi l-ewwel ircieva mandat ta' inibizzjoni imbaghad sitt xhur wara rcieva mandat iehor. Dan huwa verifikabbli minhabba illli mic-citazzjoni jirrizulta illi saru zewg mandati, wiehed bin-numru 2301/97 u iehor numru 4507/97.

Jekk wiehed jara meta gie ppresentat l-ewwel mandat u meta giet ippresentata c-citazzjoni odjerna wiehed jinduna illi ghaddew iktar minn xahrejn.

Illi f'dan is-sens u ghal kull buon fini presenzjalment qieghed jigi ppresentat rikors fejn l-appellant qed jitlob li jippresenta eccezzjoni ulterjuri fejn ser tigi eccepita formalment il-preskrizzjoni bimestrali, bis-sahha ta' l-artikolu 2112 tal-Kap. 16, li jghid illi din tista' tinghata fi kwalsijasi stadju, anke fl-appell.

(ii) L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-konvenut ma kellux il-kunsens tar-ragel ta' l-attrici filwaqt li rrizulta li l-ghalqa u kwindi nofs il-hajt divizorju ma kienx proprjeta tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn l-attrici u r-ragel taghha izda proprjeta taghha biss stante illi gie f'idejha b'wirt. Kwindi l-ewwel Qorti tenniet illi l-kunsens li kellu jottjeni l-konvenut kien ta' l-attrici u mhux tar-ragel taghha.

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-affidavit ta' Francis Farrugia u ta' Silvio Farrugia. Ix-xhieda ta' dawn it-tnejn li ma gietx kontestata tistabilixxi illi r-ragel ta' l-attrici, ta l-kunsens tieghu lill-konvenut hames jew sitt snin qabel ma inghatat din ix-xhieda. Kwindi ghandu jirrizulta illi l-kunsens tar-ragel ta' l-attrici, biex isir ix-xoghol in kwistjoni, gie moghti qabel l-emendi tal-ligi tal-familja u cioe` fiz-zmien meta r-ragel kien ghadu f'ghajnejn il-ligi l-amministratur tal-beni parafernali tal-mara. Kwindi ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, zgur illi ghandu jkun meqjus illi l-konvenut ottjena l-kunsens ta' l-attrici.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Frar 2002 fl-ismijiet premessi u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-APPELL TA' L-ATTRICI APPELLATA TERESA CACHIA</u>**

5. L-attrici appellata wiegbet hekk:

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

(ii) Illi l-azzjoni attrici hija dik li hi u mhux li jixtieq li hi l-konvenut. L-attrici hija propjetarja u tippossjedi ghalqa f'Hal Far Road, Zurrieq. Din l-ghalqa fil-pussess tal-konvenut. Il-konvenut, kontra r-rieda ta' l-attrici, waqqa' l-hajt tas-sejjiegh komuni u rega' bnieh bil-kantun b'mod li ressaq il-linja divizorja a favur tieghu u qaccat id-dwieli li kienu jserrhu mal-hajt. Bl-azzjoni odjerna, l-attrici talbet illi fi zmien qasir u perentorju jiddemolixxi l-hajt tal-kantun li huwa bena u li jerga jibni l-hajt tas-sejjiegh kif kien qabel u dan taht id-direzzjoni ta' perit nominandi.

(iii) Illi l-Ewwel Qorti ppremettiet illi hija qed tikkunsidra din il-kawza bhala wahda ibbazata fuq l-Art. 534 tal-Kap. 16, li hija azzjoni possessorja u li tispetta lil "kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbili ..... jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista' fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess".

(iv) Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti rriferiet ghall-Art. 534 tal-Kap. 16 (u mhux Art. 535) – ara fol. 5 tas-sentenza – u sostniet korrettement li l-elementi ta' din l-azzjoni huma simili bhal dawk ta' l-ispoll maghmula taht l-Art. 535 (1) tal-Kap. 16, hlief naturalment ghat-terminu li fih trid tigi intavolata l-azzjoni; sena ghall-azzjoni taht l-Art. 534 u xahrejn ghall-azzjoni taht l-Art. 535.

(v) L-Ewwel Qorti, wara li ezaminat u evalwat il-provi, waslet ghall-konkluzjoni illi l-konvenut ma kellu ebda kunsens tas-sid biex jghamel dak li ghamel u anki kieku kellu l-kunsens tar-ragel tal-attrici, dan ma kienx bizzejjed billi l-propjeta` immobiljari hija propjeta` parafernali tal-attrici u ghalhekk, kien jenhtieg il-kunsens tal-attrici.
Ir-ragel tal-attrici miet cirka hames snin ilu, izda kien ghadu haj meta l-konvenut beda x-xogholijiet. Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellanti jirreferi ghall-affidavits ta' Francis Farrugia u Silvio Farrugia u jissottometti illi x-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni ma gietx kontradetta. Jekk il-konvenut qed jippretendi illi biex din ix-xhieda tkun kontradetta, irid ikun ir-ragel mejjet tal-attrici li jikkontradici lil dawn iz-zewg xhieda, allura l-konvenut ghandu ragun fis-sottomissjoni tieghu, izda billi r-ragel tal-attrici huwa mejjet u ghalhekk fl-impossibbilta' li jixhed personalment,

l-ahjar prova fic-cirkostanzi tista' ssir biss permezz tax-xhieda tal-familjari tieghu u cioe` tal-istess attrici (l-armla) u ta' wliedu. Infatti dawn xehedu illi l-mejjet (dak iz-zmien marid), kien cahad illi qatt ta permess lill-konvenut biex jghamel dak li ghamel. Id-diskors li l-mejjet rrakkonta lill-martu u lill-uliedu li kellu mal-konvenut kien fis-sens illi l-konvenut kien kellmu dwar il-possibbilta` ta' esproprjazzjoni mill-Gvern ta' parti mill-ghelieqi taghhom biex titwessa t-triq. Dan certament ma jikkombacjax ma' dak li xehdu Francis u Silvio Farrugia, anzi jikkontradici x-xhieda taghhom.

(vi) Aggravju iehor tal-appellanti huwa "illi l-Ewwel Qorti ghazlet li ma tezaminax jekk dawn il-proceduri gewx istitwiti entro it-terminu ta' xahrejn minn meta gie kommess l-allegat spoll."

Kif gie sottomess precedentement, l-Ewwel Qorti stabbiliet fl-ewwel paragrafu tal-konsiderazzjonijiet taghha (fol. 5 tas-sentenza) illi hija ikkunsidrat din il-kawza taht l-Art. 534 tal-Kap. 16.
Il-konvenut imkien ma eccepixxa d-dekadenza tal-azzjoni attrici minhabba d-dekors taz-zmien u f'din id-direzzjoni ma tressqu ebda provi. Dana apparti li t-terminu li kkonsidrat l-Ewwel Qorti huwa ta' sena u mhux ta' xahrejn.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Ikkunsidrat li, minn ezami tal-att tac-citazzjoni, filwaqt li jirrizulta kjarament li l-attrici intavolat azzjoni possessorja, id-dicitura adoperata fil-premessi kif ukoll fit-talbiet, ma kenitx tirrendi l-istess azzjoni sufficjentement cara dwar jekk l-azzjoni kenitx wahda ta' spoll (<u>actio</u> <u>spolii</u>) jew inkella dik ta' manutenzjoni minhabba molestja (<u>actio manutentionis</u>). Dawn iz-zewg azzjonijiet huma t-tnejn azzjonijiet possessorji, huma vicini ghal xulxin, izda mhux f'kollox. Bizzejjed jinghad li azzjoni ta' spoll trid tigi ezercitata fi zmien xahrejn minn meta gie kommess l-ispoll; filwaqt li azzjoni ta' manutenzjoni tikkoncedi terminu itwal ghalbiex wiehed jiehu passi, igifieri terminu ta' sena. Skond il-Kodici Civili Malti (Kap. 16), l-azzjoni sabiex il-pussessur jinzamm fil-pussess f'kaz ta' molestja hija

regolata bl-artiklu 534 tal-Kap. 16; filwaqt li l-azzjoni ghar-radd tal-pussess f'kaz ta' spoll, tinsab regolata bl-artiklu sussegwenti, igifieri l-artiklu 535. Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li filwaqt li l-ewwel Qorti ppremettiet espressament li hija kkunsidrat l-azzjoni attrici bhala wahda ta' spoll u effettivament ddecidietha bhala tali, fl-istess hin l-artiklu li hija ccitat bhala bazi tad-decizjoni taghha (ara fol. 5 tas-sentenza, fol. 89 tal-process), kien l-artiklu 534 tal-Kap. 16, li kif intqal supra ma jirreferix ghal azzjoni ta' spoll imma ghal azzjoni ta' manutenzjoni. Oltre dan, din il-Qorti osservat ukoll li minkejja r-riferenza kopjuza li ghamlet l-ewwel Qorti ghall-gurisprudenza lokali in materia, dwar l-elementi li jikkaratterizzaw azzjoni ta' spoll, ftit li xejn, anzi proprju xejn, ma qalet dwar l-element tax-xahrejn li huwa element inerenti f'azzjoni ta' spoll.

7. Fost l-aggravji tieghu l-konvenut gustament jissottometti li "kif inhuma impostati l-premessi tac-citazzjoni u anke kif inhuma impostati t-talbiet attrici, bl-ebda mod ma wiehed jista' jinterpreta l-istess bhala kawza ta' spoll u li fit-talbiet "la intalbet dikjarazzjoni li gie kommess spoll vjolenti u lanqas ma saret talba biex l-attrici tigi reintegrata fil-pussess u reali godement ta' l-oggett li fuqu sar l-allegat spoll".

Din il-Qorti di piu` qieset ukoll il-fatt li, min-naha taghha, l-attrici appellata (ara paragrafu 6 fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell, a fol. 112 tal-process) filwaqt li tghid li kienet taqbel mas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, fl-istess waqt esprimiet ruhha b'mod fejn uriet kategorikament illi l-kawza li hija intentat ma kenitx wahda ta' spoll imma dik ta' manutenzjoni – asserzjoni dina li xxejjen dak kollu li l-ewwel Qorti adduciet bhala motivazzjoni ghad-decizjoni li waslet ghaliha finalment fis-sens li kien gie kommess att spoljattiv privileggjat mill-konvenut appellant. Di fatti, l-attrici appellata kitbet hekk:
"Kif gie sottomess precedentement, l-Ewwel Qorti stabbiliet fl-ewwel paragrafu tal-konsiderazzjonijiet taghha (fol. 5 tas-sentenza) illi hija ikkunsidrat din il-kawza taht l-artikolu 534 tal-Kap. 16.

Il-konvenut imkien ma eccepixxa d-dekadenza tal-azzjoni attrici, minhabba d-dekors taz-zmien u f'din id-direzzjoni ma tressqu ebda provi. Dana apparti li t-terminu li kkonsidrat l-Ewwel Qorti huwa ta' sena u mhux xahrejn". (sottolinear tal-Qorti)

Illi kif gja gie osservat, minkejja li l-Ewwel Qorti jidher li ssorvolat milli tikkunsidra sew it-terminu li fih giet esperita l-azzjoni attrici, it-terminu li se mai kellha f'mohha, ma kienx wiehed ta' sena imma dak iqsar ta' xahrejn. Fi kliem iehor, l-attrici stess lanqas qeghda taqbel mal-ewwel Qorti fuq ix-xorta ta' kawza li hija kienet qeghda proprjament tintenta. F'sitwazzjoni ambivalenti bhal din, kien jinkombi fuq il-Qorti, kif ukoll fuq il-partijiet kontendenti, li qabel kollox ikunu cari mill-bidunett dwar ix-xorta ta' kawza li kienet qeghda tigi maghmulha u trattata biex b'hekk din tkun tista tiehu l-kors taghha legali skond il-kaz. Minflok gara – ghax hekk irrizulta – illi filwaqt li l-attrici tghid li l-azzjoni possessorja taghha kienet wahda ta' manutenzjoni a tenur tal-artikolu 534 tal-Kap. 16 u sa hawn l-ewwel Qorti jidher li accettatu in linea preliminari, imbaghad jidher li ghal xi raguni inspjegabbli l-istess Qorti ssuktat billi ezaminat u ddecidiet il-kawza a tenur tal-artiklu 535 tal-Kap. 16 li jirreferi invece ghall-azzjoni ta' spoll u mhux dik li l-attrici kkontemplat fl-att tac-citazzjoni. Ghal kull fini, jigi osservat li kif inhi impostata c-citazzjoni din seghet tigi kkunsidrata sija taht spoll kif ukoll ta' molestja – ghalkemm kif rajna t-termini legali m'humiex l-istess u dan jista' jissarraf f'konkluzjonijiet divergenti. Rinfaccjat b'dan kollu ghandu allura jirrizulta li l-konvenut appellant huwa gustifikat fl-aggravji tieghu ghax ifisser li huwa tqieghed f'posizzjoni fejn kien difficli ghalih li jirribatti l-azzjoni tal-attrici minn punto di vista legali. Kif tajjeb gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "J. Tabone – vs – J. Flavia sive De Flavia" (Koll. Vol XIII-1-86).

"Hu principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri, u dan hu veru partikolarment f'materja ta' azzjoni posessorja.

Pero` jista' jaghti l-kaz mit-termini tac-citazzjoni ma jkunx jista' facilment jinghad malajr liema hi l-azzjoni verament intentata mill-attur, u jista' jkun ukoll li dan sar deliberatament, bil-hsieb li b'dan il-mod l-attur jigi li qed jezercita l-azzjoni ta' manutenzjoni u dik ta' reintegrazzjoni flimkien.

Imma dan ma hux permess, ghax dawn iz-zewg azzjonijiet ghad li ghandhom hafna punti ta' kuntatt bejniethom huma assolutament distinti fin-natura u l-iskop taghhom u huma mmexxijin minn regoli ta' procedura diversi. Dawn iz-zewg azzjonijiet ma jistghux jigu ezercitati konfuzament u flimkien b'domanda wahda......".

8. Ikkunsidrat li meta l-ewwel Qorti ma segwitx l-iter procedurali li hi stess stabbilit u dan billi l-ewwel irriferiet ghall-artiklu 534 tal-Kap. 16 u mbaghad iddecidiet il-kawza fuq l-artiklu sussegwenti tal-istess Kap. (u dan bil-maqlub ta' dak li l-attrici stess tghid li riedet tissalvagwardja), isegwi li l-konvenut appellant gie mqieghed fi stat ta' pregudizzju tali ghal dik li jikkoncerna d-difiza tieghu, li kien jirrendi l-istess sentenza nulla, ghar-raguni li, kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet:- "Dr. G. Aquilina noe – vs – G. Abela noe et", "(Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1998),

"indubbjament allura s-sentenza appellata bir-ragun issorprendiet lill-kontendenti" u li "jehtieg allura li din is-sentenza tigi annullata kif gie kostantement ritenut li kellu jsir f'cirkostanzi simili minn din il-Qorti".

Ghar-ragunijiet suesposti ghalhekk l-appell tal-konvenut ghandu jigi milqugh. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li ghandha tidhol fl-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut appellant bin-nota tieghu tal-20 ta' Settembru, 2002.

Tiddeciedi, billi tiddikjara nulla u bla effett fil-ligi s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2002, u tirrinvija l-atti mill-gdid quddiem dik l-istess Qorti biex tkompli bis-smigh u determinazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

Il-kap tal-ispejjez, kemm tal-prim' istanza kif ukoll ta' dan l-appell, jigi sopportat nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Dep. Reg
df